MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 621/2000/1

**Bianchi & Bianchi Limited gja**
**Alga Enterprises Limited**

**vs**

**Salv. Bezzina & Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1000.00,0 (elf Lira Maltin) dovut bhala zewg skadenzi ta’ cens ta’ hames mitt Lira maltin (Lm500.00) kull wiehed, u li kellhom jithallsu minnhom lis-socjeta attrici fis-27 ta’ Ottubru 1998 u fis-27 ta‘ Ottubru 1999 rispettivament u dana kif jirrisulta mill-Att Notarili datat 9 ta’ Marzu 1976 fl-Atti tan-Nutar Joseph Darmanin.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 7 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjojijiet tal-istess socjeta konvenuta u li biha eccepiet (fol 8 tal-atti).

1. Illi t-talbiet attrici ghall-ammont intier ta' elf lira Maltin (Lm1000) huma nfondati fil-fatt u fil-ligi in kwantu illi l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa ferm anqas minn hekk.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-Avukat Dottor Clarence Busuttil nomine (a fol 9 ibid) kif ukoll il-lista tax-xhieda (fol 10 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 36 u 39 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi Jean Marc Bianchi (fol 29 tal-atti) direttur tas-socjeta attrici, permezz ta' "affidavit" xehed illi, kif rizultanti mill-anness att pubbliku (a fol 30 tal-atti), is-socjeta konvenuta, fid-9 ta' Marzu 1976, kienet akkwistat l-appartamenti in kwistjoni, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm500, revedibbli u pagabbli lis-socjeta attrici kull 27 ta' Ottubru.

In rigward l-istess cens, ix-xhud ikkonferma li kien hemm, dovuti, l-iskadenza li ghalqu fis-27 ta' Ottubru 1998 u 1999.

Illi, in rigward l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta utilista ta' wiehed mill-appartamenti ossia Valerio Valente (fol 17 et seq ibid) spjega li meta kien akkwista l-appartament tieghu dan kien soggett ghal cens annwu u perpetwu ta' Lm25 pagabbli lis-socjeta kummercjali ohra "rappresentanta (jew sussidjarja) (ta) s-socjeta

konvenuta". In rigward l-istess cens (oltre l-lawdemju) dan dejjem kien thallas minnu, fl-ufficju tas-socjeta konvenuta fil-Marsa sal-1999 stante li, in rigward skadenzi sussegwenti, "…. L-istess sojceta konvenuta ma tridx taccetta c-cens" ghar-raguni msemmija fl-istess xhieda. (ara, in rigward il-premess, l-ircevuta u l-ittra esebiti a fol 25 u 26 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ghandha tigi respinta stante li jidher car li hadd mill-utilisti, kif semma' Valerio Valente fix-xhieda tieghu, ma kien hallas l-istess cens lis-socjeta attrici. Dwar dan il-punt, ma ingiebet ebda prova kontrarja da parti tas-socjeta konvenuta. Illi, inoltre jidher, car li t-talba attrici, ghandha tigi akkolta stante li c-cens kollu specifikat fl-avviz ghadu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici waqt li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici, s-somma ta' Lm1,000 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur